# *Kunsill Lokali Marsaskala*

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **30** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **it-Tlieta 17 ta' Jannar 2012 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| *Preżenti* | *Membri* |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur John B. Camilleri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Jesmond Mugliett<br>Is-Sur Daniel Spiteri (daħal fis-7.05p.m.) |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużata | Is-Sinjura Carmen Fearne |

### *Aġenda*

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 29.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni ta' Tenders u Kwotazzjonijiet:
   **KLM 2011/09** - WORKS TENDER FOR THE UPGRADING OF PROMENADE IN TRIQ IL-QALIET AND THE SURROUNDING AREAS OF FORT ST THOMAS IN THE LOCALITY OF MARSASKALA ERDF 212 :The Regeneration of the Tourism Market in Marsaskala.
   **KLM 2011/10** – SERVICE TENDER FOR : THE TECHNICAL SERVICE OF AN ARCHITECT With the Marsaskala Local Council for the ERDF 212 Project - "The Regeneration of the Tourism Market in Marsaskala".
   **KLM 2011/11** - Supply installation commissioning & certification of a grid connected photovoltaic (PV) generation system at Zonqor Point Marsaskala.
   **MLC 08/2011** – Renting of Garage – Stores.
6. Budget 2012.
7. Mistoqsijiet.
8. Mozzjonijiet.
9. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
10. Aġġornament.


Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Josef Grech

Il-Kunsillier C Fenech kienet skużata peress li kienet fuq xogħol tal-kunsill.

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 29(1) tat-12 ta' Diċembru 2011:**

1.1.1 Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qajjem il-punt fuq paġna 5 item # 3.13 trid tinqara hekk għax kien hemm żball *"Is-Sindku qal li wara ħafna tentattivi sabiex jiskopri ta' min din l-art kbira, rnexxielu jikkuntatja lis-sid u talbu sabiex jittella` ċint. Is-Sindku flimkien mas-sid ta' din l-art kienu tal-fehma illi jekk il-MEPA tagħtih permess, minflokk li jtella` skond il-liġijiet tal-MEPA, jittella` ċint baxx u l-kumplament ikun bil-wire dejjem bil-permess tal-MEPA"*.

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti kif emendati u ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qajjem il-punt fuq paġna 8 fejn staqsa meta se jitneħħa l-apparat li hemm ġol-bandli fi Pjazza Mifsud Bonnici.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrisponda li qiegħda fuq il-lista tax-xogħlijiet li jridu jsiru mill-ħaddiema u żied jgħid li l-assenza fit-tul tas-Sur Fava minħabba inċident tefgħet aktar xogħol fuq il-ħaddiema.

2.2 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qajjem il-punt rigward paġna 3 item # 3.2 fejn staqsa kienx hemm xi żviluppi mill-Med Design Associates.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għad m'hemmx risposta u se jkellem l-Avukat tal-Kunsill dwar dan.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Data tal-Laqgħa Annwali tal-Kunsill :**

Għar-rigward dan il-punt is-Sindku talab lill-Kunsilliera preżenti sabiex jibdew jaħdmu biex jissottomettu r-rapport annwali ta' kull wieħed u waħda minnhom biex jitħejja r-rapport annwali.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.2 **Approvazzjoni tal-performance bonuses tal-impjegati tal-Kunsill għas-sena 2011:**

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech u l-ħaddiema klerikali s-Sinjura Claudine Fenech, is-Sinjura Lucille Attard, is-Sinjura Sharon Schembri, s-Sinjorina Chantel Zammit, is-Sinjura Claire Attard u s-Sinjura Rebecca Micallef għas-sena 2011.

Il-Kunsill approva unanimament li jingħata l-*full performance bonus* lill-impjegati kollha tal-Kunsill.

3.3 **Youth in Action Programme – Proġett tal-Unjoni Ewropeja (#35/7198/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li għal dan il-proġett riedna nifthu numru tal-kont ġdid apposta sabiex meta jingħatalna l-ammont ta' €16,548.00 dirett fil-kont inkunu nistgħu noħorġu ċ-ċekkijiet minnhu stess.

Is-Sindku spjega li dan huwa proġett rigward *intercultural meals* fejn aħna din id-darba grazzi għas-Sur Mark Causon se nkunu *project leaders* u mhux *partners*. Hekk inkunu nistgħu nistiednu studenti minn 4 pajjiżi differenti u nkunu nistgħu niġġeneraw anke l-ekonomija ta' Marsaskala u wara nibgħatu żgħażagħ minn naħa tagħna jżuru pajjiżi li jkunu pparteċipaw magħna. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan il-proġett se jkun qiegħed jieħu ħsiebu s-Sur Causon mill-bidu sat-tmiem tal-proġett.

3.4 **Memo 122/2011 – Skema ta' finanzjament għal restawr ta' postijiet storiċi (35/7012/11/I):**

Il-Kunsill approva unanimament li għandna napplikaw għal din l-iskema fejn nitolbu għar-restawr tat-tlett islaleb li jinsabu ġewwa l-Bidni.

3.5 **Is-Siġar li hemm fi Ġnien Sant'Anna:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li talab parir lill-Professur Buhagiar dwar siġar li jinsabu fi Ġnien Sant'Anna mad-dawra tal-piċċ. Dan peress li dawn it-tip ta' siġar qegħdin jifformaw boċċi li minnhom joħroġ tip ta' materjal (qisu fibre) li qed iqabbad il-ħakk lin-nies li jkunu qegħdin fil-viċinanza ta' dawn is-siġar. Apparti minn hekk dawn l-istess siġar jattiraw ħafna nsetti li jdejqu lin-nies fis-sajf.

Il-Professur Buhagiar irrisponda billi qalilna li dawn is-siġar jisimhom *Lagunaria Patersoni* u li jridu jiġu miżbura eżatt wara li jkunu għamlu l-fjuri biex ma nagħtux ċans jifformaw il-boċċi msemmija. Minħabba 'l fatt li wisq probabbli dawn is-siġar ilhom aktar minn 30 sena, dawn is-siġar huma protetti.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.6 **Memo 65/2011 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012 (#35/0014/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsilliera preżenti li għal darb'oħra erġajna rbaħna din l-iskema ta' €3000.00 sabiex jintużaw għall-Iljieli Skalin 2012.

3.7 **Karnival 2012 :**

Is-Segretarju Eżekttiv qal li rċivejna l-budget mingħand is-Sur Alfred Debono għar-rigward il-Karnival 2012.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li għandna nnaqsu l-ispejjeż tal-Pulizija peress li din is-sena il-karnival se jsir ġewwa l-ġnien Sant'Anna u jitkompla fuq il-promenade u b'hekk mhux se jingħalqu toroq. Ikun hemm il-Pulizija li jkunu *on duty biss,* m'hemmx għalfejn ikun hemm Pulizija *extra.* Ġie nnotat ukoll li l-grupp minn Għawdex ma kienx se jattendi għal din l-attivita`

Il-Kunsill approva unanimament l-ispejjeż konċernati.

3.8 **<u>Kunsill Lokali Marsaskala vs Water Service Corporation:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċivejna ittra mill-Qorti fejn għandna nħallsu l-ammont ta' €87.35 fuq kawża li kellna kontra l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Is-Segretarju Eżekuttiv ċempel lill-Avukat tal-Kunsill għall-parir fejn ir-rakkomandazzjoni kienet li dan l-ammont għandu jiġi mħallas immedjatament.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.9 **<u>Xogħol ta' tarmak li għandu jsir ġewwa l-lokalita` tagħna:</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħalissa għaddej xogħol ta' *patching* mill-kuntrattur tagħna Polidano Bros u peress li l-Kunsill m'għandux allokazzjoni ta' fondi sabiex isir *major patching*, qegħdin nippeċjaw bil-*hot tarmac pot holes* u bir-romblu minflok jaqta` kull roqa. Is-Sindku semma wkoll li mal-lista għal din is-sena se tiżdied ukoll it-triq tal-Bidni.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.10 **<u>Kuntratt tal-Latrini Pubbliċi (#35/0101/12/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċivejna ittra mid-Direttur tad-Direttorat tat-Tindif, is-Sur Charles Zammit fejn qed jinfurmana li l-kuntratt tal-latrini pubbliċi ilu li għalaq u li l-Direttorat mhux f'pożizzjoni li jibqa` jagħti aktar dan is-servizz. Għalhekk fid-dawl ta' dan qed jitlob lill-Kunsill sabiex tinħareġ tender għal dan ir-rigward għax is-servizz mid-Direttorat se jibqa` jingħata sad-29 ta' Frar, 2012.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bħalissa aħna nallokaw €13,000.00 għal dan is-servizz, issa l-Kunsill b'dan it-tender irid jalloka aktar fondi.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri issuġġerixxa li nitolbu lid-Direttur estensjoni ta' żmien fuq l-attendenza ta' dawn il-latrini pubbliċi sakemm wieħed jaħdem fuq dan it-tender u jiġi aġġudikat lill-privat.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hemm bżonn li jkun hemm żewġ ħaddiema għal erbgħa latrini. Is-Sindku żied jgħid li dawn jaħdmu b'*shift* ta' 12-il siegħa kuljum.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li hu diġa fformola t-tender pero` qed jitlob lill-Kunsilliera s-Sinjuri John Baptist Camilleri u Lawrence Ciantar sabiex jaqraw it-tender biex isiru l-arranġamenti meħtieġa qabel ma jinħareġ.

Il-Kunsill approva unanimament li jinħareġ it-tender wara li l-kunsilliera msemmija flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv jaħdmu fuq dan it-tender.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ħareġ mill-laqgħa fis-6.45p.m.***

3.11 **<u>Tiġdid ta' kuntratt tat-teleworking għas-Sinjura Rebecca Micallef:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kuntratt tas-Sinjura Rebecca Micallef kien għalaq f'Awwissu 2011 rigward it-*teleworking* u b'hekk b'mod retroattiv għandu jiġi ffirmat il-kuntrattt il-ġdid li jagħlaq fit-2 ta' Awwissu 2012 dejjem bl-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa dwar 'il fatt li waħda mill-ħaddiema klerikali se toħroġ dalwaqt bil-*maternity leave* u għalhekk wieħed irid jaħseb sewwa x'jista` jsir peress li waħda waħeda fil-*Customer Care* ma tistax taħdem. Għalhekk il-Kunsill m'għandux jikkommetti ruħu fuq il-kutratt tas-Sinjura Rebecca Micallef, iżda għandu jħallih miftuh għad-diskussjoni jekk ikun hemm bżonn.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li sakemm is-Sinjura Claire Attard terġa tiġi lura, se nipprovaw napplikaw għall-iskema ta' l-ETC fejn jibgħatulna lil xi ħadd għal tlettax-il ġimgħa fuq *training* u aħna b'hekk nkunu nistgħu inħalluha tgħin fil-*Customer Care.* Sakemm wieħed jidra s-sistema nkunu nistgħu wkoll tinżel waħda minn fuq tagħti daqqa t'id.

Is-Segretarju Eżekuttiv talab ukoll lis-Sinjura Rebecca Micallef sabiex fis-Sajf meta nkunu bin-nofs ta' nhari tibda tidħol darba fil-ġimgħa u hi aċċettat.

Il-Kunsill approva unanimament li napprovaw it-tiġdid tal-kuntratt tas-Sinjura Rebecca Micallef għat-*teleworking*, iżda fil-każ li jkollhom isiru emendi, wieħed għandu jerġa jikkunsidra li dan il-kuntratt jiġi emendat.

3.12 **<u>Child First Aid Training Proposal (35/0215/12/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna *email* mingħand is-Sur Kevin Gauci minn Emergency First Response Ltd., fejn qed jitlob lill-Kunsill sabiex jagħmlu korsijiet għal dawk in-nies li jridu jitgħallmu fuq *Child First Aid Training* u l-prezz ikun ta' €28 għal 12-il siegħa.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ppropona li għandna noħorġu kwotazzjoni għal dan ir-rigward.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għall-laqgħa fis-7.05p.m.***

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ta spjegazzjoni dettaljata dwar dan il-kors fejn qal li dan il-kors mhuwiex l-istess bħal ma kellna fil-passat għax dan jikkonċerna *first aid* fuq it-tfal.

Il-Kunsill approva unanimament li għandna niċċekjaw mad-Dipartiment jekk nistgħux nissussidjaw €10 fuq kull persuna u jekk isir dan il-kors nagħmluh fis-sala tal-Kappillan.

3.13 **<u>EIA for wind Farm at Wied Rini (#35/0219/12/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsill li rċivejna kwestjonarju mingħand AIS Environmental Ltd fejn qed titlob il-parir tal-Kunsill għal dan ir-rigward.

Il-Kunsill approva unanimament li l-Kunsill tagħna għandu joqgħod għad-deċiżjoni tal-Kunsilli ta' l-akkwati u li l-Kunsill tagħna juri solidarjeta` ma' Kunsilli oħra basta ma jsirx fil-lokalita` tagħna.

3.14 **<u>Stima għal manutenzjoni ta' luzzu ħdejn il-pixxina (#35/0263/12/I):</u>**

Is-Sindku ressaq kwotazzjoni għall-attenzjoni tal-Kunsill mingħand is-Sur David Pace fuq il-luzzu li ġie mogħti lill-Kunsill sabiex isirlu l-manutenzjoni meħtieġa li jammonta għal €1,153.00.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li parti mill-kont ta' l-ELC għadu ma ġiex approvat għax il-madwar tal-luzzu li jinsab fi Triq il-Blajjiet kantuniera ma' Triq Ħaż-Żabbar ~~għadu ma sarx ix-xogħol kollu~~. biex nogħtu lans xogħar sakemm jitilgħu l-pjanti.

Il-Kunsill approva unanimament li dan il-luzzu għandu jsirlu l-manutenzjoni meħtieġa u jitpoġġa quddiem ir-restorant Re Del Pesce fi Triq id-Daħla ta' San Tumas kantuniera ma' Triq tal-Gardiel fuq it-*traffic island.*

4.0 ***<u>Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:</u>***

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet bi kreditu u dawk li tħallsu b'urġenza biex jiġu approvati għall-pagamenti.

4.1 **<u>Pagament Nru 115:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li pagament Nru 115 iċ-ċekk se joħroġ fuq is-Sur Mark Causon għall-kumpanija D. Consulta Ltd.

Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti kollha.

5.0 ***<u>Aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjonijiet:</u>***

5.1 **<u>KLM 2011/10 – SERVICE TENDER FOR : THE TECHNICAL SERVICE OF AN ARCHITECT With the Marsaskala Local Council for the ERDF 212 Project - "The Regeneration of the Tourism Market in Marsaskala".</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda biex informa lill-Kunsill bil-progress tax-xogħol rigward ERDF 212 kif ukoll rigward it-tenders u l-kwotazzjonijiet li nħarġu li fosthom kellna dak t'hawn fuq imsemmi fejn 3 membri fuq il-bord ta' evalwazzjoni li kienu s-Sur Mark Causon fuq amministrazzjoni, s-Sur Lawrence Cauchi fuq finanzi u fuq dik teknika il-Perit Aaron Abela flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku għamlu l-evalwazzjoni tagħhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv spejga lill-Kunsill li dan mhux se jkun il-Perit tal-Kunsill iżda se jkun il-Perit fuq it-tender l-ieħor tal-ERDF 212 KLM 2011/09 għax-xogħlijiet.

Kien hemm sitt offerenti pero` wieħed minnhom ssottometta t-tender tiegħu fil-11.15a.m. u b'hekk ma ġietx aċċettata peress li t-tenders kien jagħlqu fil-11.00a.m. L-offerent xorta waħda kien ħalla l-envelope iżda dan ma nfetaħx.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-metodu ta' evalwazzjoni kien *cheapest offer* u li l-Kunsill mexa` fuq *open tender procedure.*

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta t-*tender schedule*.

| | Kuntrattur | Ammont inkluż il-VAT |
|---|---|---|
| 1. | Samuel Formosa | €6962.00 |
| 2. | David Mifsud Parker & Michael Camilleri obo MC2 Architects | €6537.20 |
| 3. | Perit Alexis Inguanez | €12,959.94 |
| 4. | Perit George Farrugia | €7080.00 |
| 5. | Med Design Associates | €13,570.00 |

Il-Bord qed jirrakomanda lill-Kunsill li Tender No 1 Samuel Formosa kien l-irħas offerent u kien *administratively & technically compliant*. It-tieni l-orħos offerent li kien *administratively & technically compliant* kien Tenderer No 3 Alexis Inguanez u t-tielet offerent li kien *administratively & technically compliant* kien Tender No 5 Med Design Associates.

Għaldaqstant, il-Bord qed jirrakomanda li din l-offerta Tender KLM 2011/10 tingħata lill-Perit Samuel Formosa peress li kienet l-orħos offerta sottomessa li kienet *administratively & technically compliant.*

Fil-każ ta' Tender No 2 Perit Michael Camilleri & David Parker obo MC2 Architect u Tender No 4 Perit George Farrugia dawn ġew skwalifikati minħabba li kienu *administratively non compliant.*

Il-Kunsill approva unanimament ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord, pero` l-Perit li rebaħ dan it-tender irid jieħu nkonsiderazzjoni li x-xogħol tiegħu jibda meta jiġi aġġudikat it-tender l-ieħor dak ta' KLM2011/09 fuq xogħlijiet.

5.2 **KLM 2011/09 - WORKS TENDER FOR THE UPGRADING OF PROMENADE IN TRIQ IL-QALIET AND THE SURROUNDING AREAS OF FORT ST THOMAS IN THE LOCALITY OF MARSASKALA ERDF 212 :The Regeneration of the Tourism Market in Marsaskala.**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta t-*tender schedule.*

| | Kuntrattur | Ammont inkluż il-VAT |
|---|---|---|
| 1. | Melita Manufacturing Co. Ltd. | €315,517.62 |
| 2. | L & S Technical Consulting | €269,332,83 |
| 3. | Stainless Structures Ltd. | €302,286.15 |

Is-Segretarju Eżekuttiv beda jispjega illi l-istess bord li evalwa t-tender ta' qabel għamel l-evalwazzjoni tiegħu fuq dan it-tender ukoll u ħa 30 siegħa xogħol sabiex isir l-evalwazzjoni ta' dan it-tender. Dan it-tender bħal ta' qablu ġie maqsum fuq tliet kriterji fejn fl-ewwel laqgħa tkellimna fuq l-*administrative* criteria, imbagħad ġew evalwati t-*technical criteria* u fl-aħħar laqgħa ġew evalwati l-finanzi.

Il-Bord qabel li dawn it-tlett offerenti ma kienux *technically compliant* mal-ispeċifikazzjonijiet li ġew mitluba fit-tender, għalhekk il-bord talab biex tinkiteb l-ittra lill-Brian Farrugia tal-PPCD sabiex itina direzzjoni nwaqqfux it-tenders u noħorġu tenders ġodda jew ituna direzzjoni sabiex nagħmlu kjarifikazzjoni fuq dawn it-tlett tenders.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 20 ta' Jannar, 2012 għandu laqgħa mad-Direttur tal-Kuntratti sabiex nitolbuh jekk għandniex noħorġu tender ġdida jew immorru għan-*negotiated procedure.* Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-problema li għandu l-Kunsill li x-xogħol kellu jibda f'nofs Jannar u jispiċċa sa Ġunju 2012, u jekk ix-xogħol ma jitlestiex fi żmien stipulat hemm ċans li nitilfu l-fondi mill-Unjoni Ewropeja, pero` il-PPCD huma nfurmati fuq dak kollu li qed isiru rigward dan it-tender u li aħna m'għandniex kontroll fuqu.

Il-Kunsill bi qbil unanimu qabel mar-rakkomandazzjoni tal-bord ta' evalwazzjoni u għandhom jintbagħtu l-ittri neċessarji lit-tlett offerenti.

5.3 **KLM 2011/11 - Supply installation commissioning & certification of a grid connected photovoltaic (PV) generation system at Zonqor Point Marsaskala.**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta t-*tender schedule.*

| | Kuntrattur | | Ammont inkluż il-VAT |
|---|---|---|---|
| 1. | Bajada Energy Group | Option 1 | €8,175.92 |
| | | Option 2 | €7,334.88 |
| 2. | Frank Borda Ltd. | Option 1 | €2,900.00 |
| | | Option 2 | €3,166.00 |
| | | Option 3 | €4,355.00 |
| | | Option 4 | €4,744.00 |
| | | Option 5 | €5,621.88 |
| | | Option 6 | €6,140.00 |
| 3. | Alberta Fire & Security | Option 1 | €2,946.45 |
| | | Option 2 | €2,987.75 |
| 4. | Mekanika Ltd. | Option 1 | €6,074.68 |
| 5. | Lugio Ltd. | Option 1 | €4,670.00 |

Fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Enġinier Paul Meilaq tal-Med Design Associates, il-Kunsill qabel unanimament illi din it-tender tiġi aġġudikata lill-Frank Borda Ltd., Option Nru 1, minħabba li dan kien l-orħos offerent kif ukoll *technically* u *administratively compliant* ma' l-ispeċifikazzjonijiet kollha mitluba fl-istess tender

5.4 **MLC 08/2011 – Renting of Garage – Stores:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*quotation schedule.*

| | Kuntrattur | Ammont inkluż il-VAT |
|---|---|---|
| 1. | Ronald Briffa | €1,900.00 |
| 2. | Sandro Bonnici | €2,300.00 |

Il-Kunsill qabel unanimament illi din il-kwotazzjoni tiġi aġġudikata lis-Sur Ronald Briffa, minħabba li dan kien l-orħos offerent kif ukoll *technically* u *administratively compliant* ma' l-ispeċifikazzjonijiet kollha mitluba fl-istess kwotazzjoni.

6.0 ***Budget 2012:***

Il-budget 2012 ġie spjegat mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill u ġie approvat bi qbil unanimu.

7.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

8.0 ***Mozzjonijiet:***

8.1 **Mozzjoni mressaq mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#303-7/12/11):**

*"Jipproponi sabiex issir tabella loading/unloading bejn it-8:00am u 12:00pm quddiem stabbiliment tal-merċa bl-isem tan-Nadur Self Service".*

Il-Kunsill approva unanimament li nitolbu għall-approvazzjoni lit-Trasport Malta.

8.2 **Mozzjoni mressaq mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#304-7/12/11):**

*"Jipproponi sabiex Triq il-Miġbħa issir one way il-fuq dan peress illi waħda mill-binja ta' naħa waħda tat-triq qegħda iżjed il-barra mill-oħra u b'hekk tiġi blind corner".*

Il-Kunsill approva unanimament li nitolbu għall-approvazzjoni lit-Trasport Malta.

- Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ippropona sabiex inwaħħlu *traffic mirror* faċċata ta' Triq Agatha Barbara għax qegħda perikoluża.

Il-Kunsill approva unanimament.

8.3 **Mozzjoni mressaq mill-Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#305-14/12/11):**

*"Jipproponi sabiex minflok is-siġar li hemm ħdejn il-pitch tal-boċċi jitħawwlu siġar oħrajn li jikbru malajr ħalli jissostitwixxu dawk li hemm għax qed ifarfru qisu frak tal-fibre u ħadd ma jista` joqgħod bihom. F'dan ir-rigward għandna nieħdu opinjoni ta' nies kompetenti li jistgħu jtuna ideja fuq din il-kwalita` ta' siġar. F'postijiet oħra dawn il-kwalita` ta' siġar inqalgħu".*

Il-Kunsill approva unanimament li peress li l-Professur Buhagiar kien tagħna l-parir tiegħu fuq is-siġra li jinsabu fi Ġnien Sant'Anna billi qalilna li dawn is-siġar jisimhom *Lagunaria Patersoni.* Il-Kunsill ma jistax jaqlagħhom minħabba li wisq probabbli ilhom aktar minn 30 sena u għaldaqstant protetti, pero` iridu jiġu miżbura eżatt wara li jkunu għamlu l-fjuri biex ma nagħtux ċans jifformaw il-boċċi msemmija bħall mhu se nagħmlu fi Ġnien Sant'Anna għax huma l-istess siġar.

Il-Kunsill approva unanimament.

8.4 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur John B Camilleri (#306-14/12/11):</u>**

"Jipproponi sabiex issir lampa ġdida fi Triq is-Sajjieda".

Il-Kunsill approva unanimament.

8.5 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur John B Camilleri (#307-9/01/12):</u>**

*"Jipproponi sabiex il-biċċa bankina li baqa` miksura mhux aktar min 25 metru issir sabiex taqqgħad Triq il-Bajja ma' Triq San Luqa".*

Il-Kunsill approva unanimament.

8.6 **<u>Mozzjoni mressaq mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#308-9/01/12):</u>**

*"Jipproponi sabiex issir il-bankina fi Triq id-Daħla ta' San Tums mir-Re Del Pesce sad-dawra fejn hemm tal-ħaxix".*

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ppropona li jekk issir din il-bankina għandha ssir katusa ġo fiha biex jekk fil-futur isir id-dawl ġo dik it-triq ma terġax titkisser it-triq u jgħaddu l-wires minn ġo din il-katusa.

Il-Kunsill approva unanimament li nitolbu l-fondi mill-UIF.

8.7 **<u>Mozzjoni mressaq mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#309-9/01/12):</u>**

*"Jipproponi sabiex issir mera fil-liwja ta' periklu fi Triq is-Salini kif indikat fis-site plan".*

Il-Kunsill approva unanimament li nitolbu għall-approvazzjoni lit-Trasport Malta.

9.0 ***<u>Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:</u>***

Ma kienx hemm punti fuq dan l-*item*.

10.0 ***<u>Aġġornament:</u>***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00p.m.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku